**24 ta' Frar, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Joseph Cassar pr. et ne.

*versus*

Michael Demajo pr. et ne.

**Danni — Preskrizzjoni — Art. 2259(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas ta' ħsarat kaġunati b'reat ma hix dik ta' sentejn, imma għal dik il-preskrizzjoni għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*Iżda jekk l-azzjoni ma tkunx bażata fuq reat, u lanqas fuq kolpa, imma tkun bażata fuq restituzzjoni ta' ndebitu, allura l-preskrizzjoni tkun dik ta' sentejn; kif ukoll ta' sentejn tkun jekk tkun bażata fuq l-azzjoni "de in rem verso".*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi huwa kien importa mid-ditta "Lewis Brothers Limited", li hija rappreżentata hawn Malta mid-ditta "M. Demajo", diversi partiti ta' prams u merkanzija oħra tal-valur komplessiv ta' £16,894.19.3; u li fuq dawn il-partiti huwa kien intitolat li jirċievi discount ta' 2½% kemm il-darba huwa jottempera ruħu ma' ċerti kondizzjonijiet ta' pagament; u li anki meta huwa ssodisfa dawn il-kondizzjonijiet il-konvenut żamm għalieh, bla ebda dritt, id-discount dovut lilu, u dan anki wara li hu nterpellah uffiċjalment b'ittra tat-23 ta' Mejju 1958 għall-ħlas ta' dan id-discount; talab li, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni li huwa ssodisfa l-kondizzjonijiet li ntitolawh għal dan id-discount, il-konvenut proprio et nomine jiġi kundannat iħallas lilu, fil-kwalità premessa, dik is-somma li tiġi likwidata, anki per mezz ta' periti nominandi, u dan bħala discount lilu dovut fuq il-merkanzija fuq imsemmija, u li l-konvenut nomine żamm għalieh bla ebda dritt. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Fin-nota tiegħu fol. 44 tal-proċess, il-konvenut proprio et nomine ddikjara li ma hemmx lok aktar li hu jinsisti fuq iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari, u għalhekk irrinunzja għalihom u baqa' jżomm fermi biss l-eċċezzjonijiet li ssolleva riferibbilment għall-meritu; u kwindi l-eċċezzjoni sollevata bl-ewwel nota tal-istess konvenut proprio et nomine (fol. 5) u l-ewwel eċċezzjoni kontenuta fl-ewwel paragrafu tat-tieni nota tal-istess konvenut (fol. 31) mhumiex sejrin jiġu kunsidrati;

Riferibbilment għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

L-attur, in sostanza, aġixxa għar-restituzzjoni ta' abbwon fuq il-prezz ta' merkanzija tilu konċess mid-ditta li minn għandha, per mezz tal-konvenut, impurtaha—abbwon li hu jgħid li ħallas għal xejn lill-istess konvenut, rappreżentat f'Malta ta' dik id-ditta, billi ma naqqsux mill-import tal-fattura meta ħallas l-import tagħha lill-istess konvenut fl-imsemmija kwalità tiegħu, kif kellu d-dritt jagħmel billi kien issodisfa l-kondizzjonijiet li taħthom l-imsemmi ditta kienet ikkonċedietlu dak l-abbwon, u l-konvenut żammu u għamlu tiegħu. Din hi r-raġuni li qiegħed jaġixxi kontra l-konvenut u mhux kontra d-ditta, jiġifieri għaliex il-konvenut għamel tiegħu dak l-abbwon mingħajr ebda raġuni kif l-istess attur issottometta fid-dikjarazzjoni tiegħu;

L-attur ma jippretendix li ħallas l-import ta' dak l-abbwon bi żball, jiġifieri l-għaliex ma kienx jaf li kellu favur tiegħu dak l-abbwon; hu kien jaf li kien tiegħu u li ma kellux iħallsu, imma ħallsu u ma tkellimx għaliex, kif hu stess xehed, baża' li jekk ma jħallsux u jagħtieh lill-konvenut dan "jaqtgħu mix-xogħol", u baqa' jħallsu mingħajr ma jitkellem sal-1948, meta għall-ewwel darba talbu lill-konvenut u dan irrispondieh li ħadd mill-klijenti l-oħra ma kien qiegħed jieħdu, u allura hu (l-attur) baxxa rasu u baqa' jħallsu għal sentejn oħra; mbgħad deherlu li kellu jerġa jitolbu, u hekk għamel, imma rċieva l-istess risposta li kien irċieva d-darba ta' qabel, u baqa' jħallsu; iżda mbgħad, wara li kien għadda ċertu żmien, sar jaf li kien hemm xi ħadd mill-klijenti li kien qiegħed jieħdu, u allura ddeċieda jitolbu lura, u għamel din il-kawża (fol. 22 tergo);

Il-preskrizzjoni nvokata mill-konvenut hi dik ta' sentejn, billi, kif hu stess qal (fol. 31 tergo), skond l-attur innatura tal-azzjoni hi ta' danni;

Fin-nota tiegħu fol. 41 l-attur spjega li hu jibbaża l-azzjoni fuq il-massima illi ma hu leċitu lil ħadd li jarrikkixxi ruħu inġustament b'dannu ta' ħadd ieħor; u għal din l-ispjegazzjoni l-konvenut irrisponda, fin-nota tiegħu fol. 5 tal-proċess, illi dan ifisser li l-attur qiegħed jippretendi, u fuq hekk qiegħed jibbaża l-azzjoni, li l-konvenut approprija ruħu minn flus tal-istess attur indebitament, u kwindi l-kawżali tat-talba hu att delittwus, u fil-każ li hu hekk

hemm il-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 2259 tal-Kodiċi Ċivili. L-attur irreplika illi fil-fattispeċje ma jistgħax wieħed jgħid li l-konvenut ikkommetta delitt, imma sempliċement li hu naqas li jħallas l-ammont ta' flus li kien dovut lilu (lill-attur), u b'dan il-mod arrikkixxa ruħu a spejjeż tiegħu, u għalhekk trattasi ta' dejn kummerċjali li, in mankanza ta' preskrizzjoni speċjali, għandu jidħol taħt id-dispożizzjoni tal-liġi li tirregola krediti kummerċjali (fol. 76);

F'dan il-punt wieħed ma jistgħax ma josservax illi l-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas ta' ħsarat kaġunati b'reat mhix dik ta' sentejn. Hi tabilħaqq dik kontemplata fl-art. 2259 (1) tal-Kodiċi Ċivili, ċitata mill-konvenut; imma mhux ta' sentejn, għaliex f'dak l-artikolu jingħad li għal dik il-preskrizzjoni għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali. Il-preskrizzjoni ta' sentejn hi għall-azzjoni għall-ħlas ta' ħsarat mhux kaġunati b'reat, jiġifieri derivanti mill-"culpa ex lege aquilia". Hi, mbgħad, ħaġa wisq ovvja illi l-każ tal-attur ma jista' bl-ebda mod jiġi mdaħħal fost il-krediti li jkunu ġejjin minn operazzjonijiet kummerċjali kontemplati fl-art. 2261(f) tal-Kodiċi Ċivili, li għalihom hemm il-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Fil-każ preżenti, l-attur ma jattribwixxix lill-konvenut la reat u lanqas kolpa; u dan jgħidu hu stess espressament, u jirriżulta minn dak li ġa fuq ġie rilevat, u li joħroġ speċjalment mid-depożizzjoni tal-istess attur. Inveru, hu evidenti li l-fatti, kif jippretendihom l-attur u fuqhom ibbaża l-azzjoni, huma li l-attur ħallas u ta lill-konvenut l-import tal-imsemmi abbwon, billi kien kostrett jagħmel hekk biex il-konvenut "ma jaqtgħux mix-xogħol", billi kien taħt l-impressjoni, li in segwitu jgħid li rriżultatlu erronea, li l-klijenti l-oħra kollha kienu qegħdin jagħtu dak l-abbwon lill-konvenut. Issa, u apparti għall-mument il-fatt iekk min iħallas xjentement dak li mhux dovut jistgħax jirrepetieh (din hi kwistjoni li tirrigwarda l-meritu). ġa ladarba l-attur iddikjara espressament li mhux qiegħed jeżerċita l-azzjoni "ex delicto vel quasi delicto". u l-fatti emerġenti mill-istess xhieda tiegħu juru biżżejjed tajjeb li mhux qiegħed jeżerċita dik l-azzjoni. imma in sostanza

l-azzjoni tal-indebitu, apparti l-fatt jekk għandux dritt għaliha jew le, u dan għaliex qiegħed jitlob li l-konvenut iroddlu dak li xjentement irċieva minn għandu imma ma kellux jieħu taħt l-ebda obligazzjoni, u li hu ħallsu u taħ taħt il-kostrizzjoni morali u l-opinjoni erronea fuq indikati, allura hi applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn, u l-oħra, ta' sentejn ukoll, kienet tkun applikabbli kieku seta' jgħid li l-attur eżerċita l-azzjoni fondata fuq il-massima ekwitattiva fuq riferita, u li tagħha hi sanzjoni l-azzjoni "de in rem verso", bl-allargament inġustifikat tan-nozzjoni tal-kważi-delitt;

Għaldaqstant tiddikjara preskritta l-azzjoni tal-attur għal dawk l-abbwoni kollha li hu ħallas sa sentejn qabel ma talabhom lura bl-ittra uffiċjali ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni; u l-ispejjeż ta' dan il-kap tas-sentenza huma għakkariku tal-istess attur;

Fil-meritu;

Ġa aktar il-fuq ġie aċċennat li għandu jiġi preżunt illi min ikun ħallas xjentement dak li ma jkunx dovut ried jiddonah, u li l-attur ħallas xjentement l-abbwoni fuq riferiti jirriżulta ċar biżżejjed mix-xhieda tiegħu; u dan kien jista' jiġi wkoll wisq faċilment preżunt mill-fatt li hu ħallas l-import sħieħ tal-fattura mingħajr ma naqqas l-abbwon, non ostanti li d-dritt tiegħu għal dak l-abbwon kien jirriżultalu minn klawsola a tergo tal-istess fattura li kienet tkun għandu (fol. 13). Jirriżulta wkoll mingħajr ebda dubju mill-fatti deposti prinċipalment mit-testimoni Nicola Bonavia (fol. 25) u Joseph Cassar (fol. 26 tergo). Inoltre, fil-fattispeċje hemm xi ħaġa aktar; hemm, jiġifieri, li l-attur ried jirrinunzja għall-imsemmi abbwon, u jħallsu u jagħtieh lill-konvenut, kif kienu jagħmlu l-klijenti l-oħra kollha, barra minn eċċezzjoni waħda spjegabbli l-għaliex f'dak il-każ il-klijent kien jibgħat hu direttament l-ordni lid-ditta u jieħu ħsieb hu l-merkanzija meta tasal (fol. 14 u 22) — kważi bi ftehim bejn l-istess klijenti, biex jirrikompensawh tas-serviġi li kien jagħmlilhom in konnessjoni mal-iżvinkolu tal-merċi mid-Dwana it-tlugħ u l-konsenja tagħha fl-istabbiliment tal-klijenti, u l-ħlas antiċipat tad-dazju u tal-ispejjeż relattivi, u talli jieħu kura hu

tal-prattiki meħtieġa għad-domanda relattiva għall-assikurazzjoni, u talli kien iħallas hu fiż-żmien stabbilit lid-ditta avvolja l-klijent ma jkunx ħallas puntwalment, jiġifieri fiż-żmien stabbilit ħalli jkun jista' jibbenefika mill-abbwon. Dan jirriżulta minn bosta xhieda, minn dik tal-attur, ta' Ronnie Demajo, u sa ċertu punt anki minn dik ta' John Demajo; imma prinċipalment mill-fatti deposti mill-imsemmijin Bonavia u Cassar. U difatti Bonavia xehed...;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-attur ma jistgħax jgħid li l-konvenut żamm għalieh mingħajr ebda dritt l-imsemmi abbwon, imma bilfors ikollu jgħid li hu xjentement tah u ħallsu lill-konvenut, jiġifieri iddonahulu; u inoltre, mhux għal kollox għalxejn, imma biex anki hu jirrimunerah b'xi mod, kif kienu qegħdin jagħmlu l-klijenti l-oħra, għas-serviġi u għall-faċilitazzjonijiet li kien jagħmillu u jagħtieħ; u kwindi l-attur ma jistgħax ikollu d-dritt li jitlob lura l-import ta' dak l-abbwon, li inoltre qiegħed jitolbu lura issa, kif jirriżulta mill-provi, biex jingħad l-anqas b'pika talli l-istess konvenut ġiegħelu jitlef id-depożitu ta' £50 ħalli jqassmu bejn il-klijenti l-oħra, skond il-ftehim, talli l-attur ma ottemperax għall-obligu minnu u mill-klijenti l-oħra assunt, in garanzija tal-osservanza ta' liema obligu kien ġie magħmul dak id-depożitu, u t-telfa tiegħu a favur tal-klijenti l-oħra ġiet konvenuta f'każ ta' vjolazzjoni tal-istess obligu. L-attur infatti, ikkonfessa li hu talab lura, wara dan l-inċident, l-import tal-abbwoni kollha li kien ħallas sa allura (fol. 23);

Għalhekk tirrespinġi t-talba fil-meritu; bl-ispejjeż kontra l-attur.